A.L. 30 ta' l-1988

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1988 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetá) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, l-Aġent President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1988 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mid-29 ta' Frar, 1988. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Għargħur II, limiti tal-Għargħur, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 12 tal-kejl ta' madwar 2517 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' sqaq pubbliku, mil-Lbiċ, Xlokk u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Taż-Żokkrija, limiti tal-Mosta:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 26 ta' madwar 4787 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 60 sa 67, 80 sa 84, 88 u 89, 93 sa 95, 111 sa 115, 157, 164 sa 166, 174 sa 176 u 198 ta' madwar 5833 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 59, 85 sa 87, 90 sa 92, 139, 160 sa 163, 167, 170 sa 173, 189 sa 193 u 195 sa 197 ta' madwar 5401 metru

kwadru, li tmiss mill-Grigal, Nofs-in-Nhar u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 130 sa 138, 141 sa 145, 177 sa 187 u 194 tal-kejl ta' madwar 5248 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 121 sa 129, 140, 146 sa 154 u 168 tal-kejl ta' madwar 3895 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' San Lawrenz, limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 4 tal-kejl ta' madwar 636 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Nofs-in-Nhar, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.